MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 121/2008

**Louis Cassar**

**(I.D. Card Nru. 674956M)**

**vs**

**Mario Cini**

**(I.D. Card Nru. 320660M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz ipprezentat mill-attur permezz ta’ liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallsu s-somma ta’ elfejn disa’ mija hamsa u sebghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€2,975.43) [ekwivalenti ghal Lm1,277.35] rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghol maghmul mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut li baqa’ ma thallasx mill-istess konvenut nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 4 ta’ Ottubru

2007 u ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Novembru 2007, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn permezz ta' liema eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-pagament kif mitlub mhuwiex dovut.

Ra n-Nota pprezentata mill-konvenut fis-6 ta' Ottubru 2008[1] fejn in-natura tal-kontestazzjoni tieghu ghat-talba attrici giet spjegata f'iktar dettal. Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici: (a) minhabba inadempjenza kontrattwali stante li sar xoghol tardiv u pprolonga ruhu inutilment; (b) billi huwa hallas akkont l-ammont globali ta' Lm3285.82 maqsumin bejn pagament ta' elf lira kontanti, elf lira b'*cheque*, elf lira ohra b'*cheque* u Lm285.82 b'*cheque*; u (c) billi r-rati kwotati mill-attur ma kienux maqbulin bejn il-partijiet u l-kont ta' l-attur gie pprezentat lejn l-ahhar tax-xoghlijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti.

Ra x-xhieda li taw l-attur u l-konvenut kif ukoll x-xhieda l-ohra rispettivament prodotti mill-partijiet kontendenti.

Sema' t-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet u ra li fis-seduta ta' l-20 ta' April 2009, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

Mill-atti processwali u senjatament mix-xhieda li ta l-konvenut waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2008 jirrizulta li nonostante d-diversi ragunijiet moghtija mill-istess konvenut in gustifikazzjoni tal-kontestazzjoni tieghu ghat-talba attrici, l-unika vera kontestazzjoni li l-konvenut ghandu ghat-talba attrici hija dik bazata fuq l-allegat pagament in kontanti lill-attur tas-somma ta' Lm1,000,

[1] Fol. 23 tal-Process.

ekwivalenti ghal €2,329.37, li però mhux qed jigi rikonoxxut mill-istess attur.

Il-konvenut jghid illi *l-problema illi ghandna llum principalment hija il-fatt illi s-Sur Cassar nesa illi jiena kont tajtu elf lira fi flus kontanti. Minn hawn jew minn hemm minbarra l-ugieh ta' rasijiet li tani waqt il-lant tax-xoghol, jiena accettajt ix-xoghol u l-unika kwistjoni li hemm hija fuq dawk l-elf lira li semmejt. Per ezempju lejn l-ahhar tax-xoghol, kien ziedli r-rata ghax kienet gholiet ir-rata tal-madum tal-hajt u jiena accettajt … Mistoqsi mill-konsulent legali tieghi nghid illi l-mitejn u sbatax-il lira (Lm217) mitlubin fil-kawza nammettihom, li ma naqbilx fuq l-elf lira ghax jiena nikkontendi li kont tajthomlu fi flus kontanti*[2].

Ghalhekk il-kwistjoni li jrid jikkoncentra fuqha dan it-Tribunal ghad-determinazzjoni tal-kaz hija l-allegazzjoni tal-pagament tas-somma ta' Lm1,000, ekwivalenti ghal €2,329.37, sollevata mill-konvenut izda ikkontestata mill-attur.

Il-konvenut jikkontendi li essendo hu l-parti imharrka f'dawn il-proceduri, sakemm l-attur ma jippruvax il-kreditu pretiz fil-konfront tieghu hu ma ghandu bzonn iressaq ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament minnu sollevata.

Fir-rigward tal-prova tal-kreditu da parte ta' l-attur il-konvenut jikkontendi li l-kreditu pretiz ma giex ippruvat b'mod sodisfacenti u dana billi l-unika prova li tressqet mill-attur in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu hija x-xhieda tieghu stess [jigifieri ta' l-attur] u d-dokument esebit bhala Dok. "LC1" a fol. 10 tal-process.

It-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut billi l-ezistenza tal-kreditu mhux talli giet ippruvata mill-attur talli addirittura giet ammessa mill-istess konvenut.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2008 l-attur ipprezenta l-kont[3] tieghu ghax-xoghlijiet minnu esegwiti fuq inkarigu

[2] Fol. 31 sa' 32 tal-Process.
[3] Dok. "LC1" a fol. 10 tal-Process.

tal-konvenut u bil-gurament tieghu ikkonferma dak il-kont. Huwa kkonferma wkoll li rcieva minghand il-konvenut tlett hlasijiet: tnejn ta’ Lm1,000 il-wiehed u pagament ulterjuri ta’ Lm295.95.

L-attur xehed illi l-bilanc dovut lilu huwa ta’ Lm1,277.30, ekwivalenti ghal €2,975.43, izda meta wiehed jikkonsidra l-ammont totali dovut lill-attur ghax-xoghol esegwit kif jirrizulta mid-dokument Dok. “LC1” – jigifieri Lm3,313.30 + Lm200 = Lm3,513.30 (ekwivalenti ghal €8,183.78) – u t-tlett ammonti li skond l-attur thallsu akkont mill-konvenut, li wkoll jirrizultaw mid-dokument Dok. “LC1” – jigifieri Lm2,295.95 (ekwivalenti ghal €5,348.12) – il-bilanc li jifdal huwa ta’ **Lm1,217.35**, **ekwivalenti ghal €2,835.66**, u mhux ta’ Lm1,277.30, ekwivalenti ghal €2,975.35.

B’daqshekk però ma jfissirx illi l-attur ma rnexxilux jipprova l-ezistenza tal-kreditu tieghu fil-konfront tal-konvenut izda, semplicement jirrizulta li l-bilanc li huwa jista’ jippretendi minghand il-konvenut huwa ta’ Lm1,217.35, ekwivalenti ghal €2,835.66, u mhux ta’ Lm1,277.30, ekwivalenti €2,975.35, kif minnu erronejament kalkolat u mitlub.

F’dan il-kaz trid tittiehed in konsiderazzjoni wkoll l-implikazzjoni guridika ta’ l-ammissjoni tal-konvenut li s-somma ta’ Lm217, ekwivalenti ghal €505.47, mill-bilanc mitlub ghadha minnu dovuta lill-attur **u** l-kontestazzjoni tieghu li r-rimanenti Lm1,000, ekwivalenti ghal €2,329.37, mill-bilanc mitlub mhux dovuta billi allegatament già imhallsa minnu lill-attur[4].

Bil-posizzjoni minnu adottata l-konvenut gie li effettivament accetta l-korrettezza tal-kont Dok. “LC1” esebit mill-attur izda, jikkontesta t-talba attrici fuq il-bazi tal-pagament ta’ parti mill-bilanc mitlub. Bil-kontestazzjoni tieghu stess il-konvenut gie li sposta ta’ l-oneru tal-prova minn fuq l-attur ghal fuqu fejn ghandu issa jipprova b’mod sodisfacenti dan il-pagament ta’ Lm1,000 li allegatament sar in kontanti minnu lill-attur.

[4] Vide xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2008.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **John Peel noe v. Joseph Bezzina, Avviz Nru. 927/98SM** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferuri) fl-14 ta' Gunju 2001, fejn gie enuncjat il-principju li meta f'kawza ghall-hlas ta' kreditu jigi ezibit statement [fil-kaz in ezami kont] li jigi konfermat bil-gurament bhala l-ammont dovut mill-konvenut u bhala ammont kalkolat korrettement, u min-naha tal-konvenut ma jkunx hemm kontestazzjoni dwar l-ezattezza ta' dik is-somma jew ta' l-ammonti ta' l-invoices li kienu jwasslu ghal dik is-somma, allura m`ghandiex tqum il-kwistjoni jekk tali statement kienx korrett. Meta l-konvenut jeccepixxi l-pagament l-oneru tal-prova jinqaleb fuqu.

Il-konvenut jikkontendi li b'kollox huwa già hallas lill-attur is-somma ta' Lm3,285.82, ekwivalenti ghal €7,653.90, imqassma fi hlas ta' Lm1,000 (€2,239.37) in kontanti, Lm1,000 (€2,239.37) permezz ta' *bank draft*, Lm1,000 (€2,239.37) ohra permezz ta' *bank draft* u Lm285.82 (€665.78) permezz ta' *bank draft*[5].

Kif già inghad il-kontestazzjoni hija ccentrata fuq is-somma ta' Lm1,000 (€2,239.37) allegatament imhallsa in kontanti mill-konvenut lill-attur ghal liema hlas il-konvenut ma ghandu ebda ricevuta.

It-Tribunal josserva li l-VAT *receipt* ta' l-attur esebita mill-konvenut bhala Dok. "X" a fol. 54 tal-process ma ghandhiex titqies bhala ricevuta tal-hlasijiet maghmula mill-istess konvenut lill-attur, inkluz ghalhekk l-allegat hlas tas-somma ta' Lm1,000 in kontanti.

Fl-ewwel lok din ir-ricevuta hija *blank* u ma fiha dettalji ta' xejn li juru li hija marbuta max-xoghlijiet esegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut u fit-tieni lok, kif ammess mill-istess konvenut diversi drabi waqt ix-xhieda tieghu[6] l-iskop ta' din il-*blank* VAT receipt kien biex seta' johrog pagamenti favur l-attur tramite facilità finanzjarja li kellu

---

[5] Dok. "MC2" a fol. 35 tal-Process.

[6] Vide xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2009 u waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.

mal-bank ghax-xoghlijiet ta' *refurbishment* li kien qed jesegwixxi fir-restaurant proprjetà tieghu gewwa tas-Sliema.

B'hekk fin-nuqqas ta' ricevuta tal-hlas il-konvenut irid jirrikorri ghal mezzi ohra biex effettivament jipprova l-allegat hlas ta' Lm1,000 in kontanti u dana in bazi ghall-principju guridiku assodat in materia li *l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalità jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, però, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant*[7]*.*

Biex jipprova l-pagament il-konvenut, oltre li xehed hu u esebixxa dokument Dok. "MC1" a fol. 34 tal-process, ipproduca bhala xhud lil Robert Sarcasan.

Il-konvenut jghid li l-hlas tas-somma ta' Lm1,000 in kontanti gie minnu effettwat lill-attur fil-15 ta' Gunju 2007 u dan jiftakru in bazi ghal notament li ghamel huwa stess dakinhar li ghadda l-pagament lill-attur bhala *pro memoria* ghalih tal-hlas[8].

Robert Sarcasan jghid li huwa kien prezenti kull darba li gie effettwat hlas mill-konvenut lill-attur u b'kollox gew effettwati erba' hlasijiet: l-ewwel darba hlas tas-somma ta' Lm1,000 in kontanti ghal liema hlas skond hu ma inharget ebda ricevuta, u tlett pagamenti ohra li saru permezz ta' *bank drafts*. Dan ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jghid ezatt meta gie effettwat il-hlas tas-somma ta' Lm1,000 in kontanti izda, skond hu dan sehh f'xi zmien bejn April u Gunju tas-sena 2007[9].

It-Tribunal wara li ezamina sew u bir-reqqa l-atti processwali u x-xhieda moghtija ma huwiex affattu konvint illi l-konvenut effettivament hallas is-somma ta' Lm1,000

---

[7] **Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Citaz. Nru. 187/90** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003; **Carmelo Zammit v. Emanuele Galea et, Appell Civili Nru. 1590/94** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003.
[8] Vide xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2008.
[9] Vide xhieda moghtija minn Robert Sarcasan waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2009 u waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.

in kontanti lill-attur kif minnu allegat u li ghalhekk il-bilanc li fadallu jhallas lill-istess attur huwa biss Lm217.

Fil-fehma tat-Tribunal il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut u minn Robert Sarcasan ma hijiex verosimili ghar-raguni li t-tnejn li huma, u partikolarment il-konvenut essendo direttament interessat, naqsu milli jsemmu fatt li fl-opinjoni tat-Tribunal huwa centrali fil-kwistjoni in ezami.

Mid-dokument markat Dok. “MC2” a fol. 35 tal-process jirrizulta li l-ewwel *bank draft* ghall-valur ta’ Lm1,000 li gie moghti mill-konvenut lill-attur igib id-data tal-**21 ta’ Gunju 2007** jigifieri biss sebat ijiem wara li allegatament thallset is-somma ta’ Lm1,000 in kontanti mill-konvenut lill-attur.

It-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju illi li kieku verament fil-15 ta’ Gunju 2007 il-konvenut hallas is-somma ta’ Lm1,000 in kontanti lill-attur u sebat ijiem biss wara hareg *bank draft* ghal Lm1,000 ohra, zgur ma kienx jonqos milli jsemmi tali fatt fix-xhieda tieghu **u** Robert Sarcasan, li donnu huwa intiz sew dwar il-pagamenti li gew effettwati mill-konvenut lill-attur, zgur ukoll kien jiftakar li saru zewg pagamenti ta’ Lm1,000 pratikament fuq xulxin.

Il-fatt li dan l-aspett tant importanti ghall-kwistjoni in ezami ma ssemma xejn la mill-konvenut u lanqas mix-xhud Robert Sarcasan, jixhed dubju serju fuq il-veracità u fondatezza ta’ l-allegat hlas ta’ Lm1,000 in kontanti effettwat mill-konvenut lill-attur.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, l-unika konkluzjoni li jista’ jasal ghaliha dan it-Tribunal hi l-konvenut ma rnexxilux jipprova b’mod sodisfacenti li huwa kien hallas lill-attur is-somma ta’ Lm1,000 in kontanti qabel ma effettwa t-tlett hlasijiet l-ohra permezz ta’ *bank drafts*, u ghalhekk il-bilanc illum dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta’ €2,835.66, ekwivalenti ghal Lm1,217.35 kif jirrizulta mill-kont Dok. “LC1” esebit mill-attur.

In fine t-Tribunal josserva li l-attur qed jitlob il-hlas ta’ l-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-konvenut sad-data ta’ l-effettiv

pagament. L-attur jghid li din l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2007 izda ma ingabet ebda prova cara dwar id-data ta' din l-ittra. Id-dokument Dok. "B" anness ma' l-Avviz tat-Talba. Li huwa ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, la jgib data u lanqas timbru tal-prezentata li jista b'xi mod jikkonferma d-data ta' din l-istess ittra ufficjali.

B'hekk fin-nuqqas ta' data cara l-imghax legali fuq is-somma ta' €2,835.66 dovuta mill-konvenut lill-attur ma jistghax jibda jiddekorri mill-5 ta' Novembru 2007 kif pretiz mill-attur izda, jibda jiddekorri mid-29 ta' Jannar 2008, id-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €2,835.66, bl-imghax legali dekoribbli mid-29 ta' Jannar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali pprezentata mill-attur kontra l-konvenut f'Novembru 2007 jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------